**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**- vs -**
**Joseph Thewma ta' 48 sena, bin il-mejjet Salvu u l-mejta Rose nee Borg li joqghod 36, Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 71449(G)**
**u**
**Emanuel Thewma ta' 45 sena bin il-mejjet Salvu u l-mejta Rose nee Borg li joqghod 55, Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 21453(G)**

Illum 28 ta' Novembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli f'dawn l-ahhar gimghat u fit-28 ta' Ottubru 1997 fil-fond 35/36, Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex, (1) ezercitaw sengha ta' mastrudaxxa u xoghol ta' aluminium f'fond bla numru u bla isem fi Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex, li mhux kopert bil-permessi ta' l-Awtoritajiet kompetenti biex fih isir xoghol ta' injam u aluminium, (2) aktar talli fl-istess fond haddmu makkinarju li mhux licenzjat li jithaddem hemm (3) aktar talli haddmu l-istess makkinarju ghall-hinijiet twal u kontinwi sa tard fil-ghaxija, u b'hekk dejjqu l-mistrieh tal-girien bil-hsejjes li jaghmlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tordna t-tnehhija ta' l-inkonvenjent taht penali li l-istess Qorti jidrilha xieraq.

Semghet il-provi;

Rat ir-relazzjoni tal-abbli espert tekniku s-Sur Henry Baker;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi fl-ewwel lok din il-Qorti thoss illi ghandha ssemmi l-impenn totali tas-Sur Henry Baker f'din il-kawza u tar-relazzjoni elaborata u dettaljata, redatta b'mod metikoluz ghall-ahhar. Dan l-inkarigu kien inghata lis-Sur Baker wara l-allegazzjonijiet migjuba kontra l-imputati. Tidher li r-relazzjoni bejn il-kwerelanti u l-imputati kienet wahda tajba sakemm il-kwerelanti deherilhom illi ma kienx konformi mal-ligijiet tal-pajjiz. Minkejja dan, xorta jibqa' l-fatt li l-imputati jridu jwiegbu ghall-akkuzi;

Mill-provi prodotti u wara li rat il-konkluzjonijiet tas-Sur Henry Baker, liema konkluzjonijiet din il-Qorti tikkondividi pjenament, issib lill-imputati hatja tal-ewwel u tat-tieni akkuzi;

Ma ssibhomx hatja tat-tielet akkuza stante li mhux provat u tilliberahom taghha;

Rat l-artikoli 181 u 319 tal-Kap. 9;

Stante li z-zewg akkuza huma komprizi, tikkundannahom ghall-hlas ta' multa ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) kull wiehed.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur